MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Numru. 103/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Renald Saviour Frank Pisani, ta' 31 sena, iben il-mejjet Francis u l-mejta Teresa imwielda Seguna, imwieled Pieta nhar l-4 ta' April, 1977, residenti gewwa Block A, Flat 3, Triq l-Arcisqof, Valletta u/jew 110, Triq id-Dejqa, Belt Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 601777(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Ronald Saviour Frank Pisani u cioe` talli fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) B'eghmil zieni ikkorrompa lil Janice Tabone, minuri ta' tnax il-sena;

2) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri Janice Tabone;

3) Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess minuri Janice Tabone.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u iddispjajieh tal-akkadut.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikolu 203 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hanw fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht ordni ta' supervizjoni u dan ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Inoltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tordna l-hrug ta’ ordni ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Janice Tabone u dan tenut kont tal-fatt illi l-parte leza hija minuri u dan ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Avukat Generali kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------